MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 168/2010

**Mobisle Communications Limited – C24655**

**vs**

**Jarbo Ashraf – ID 356781-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessiipprezentat fl-4 ta’ Frar tas-sena 2010 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, mitejn u disgha u ghoxrin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1,229.54c) rapprezentanti ammont li kien ghadu dovut in konnessjoni ma’ servizzi rezi fuq client contract number 1023092 u dana ghax-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2009. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali tal-31 ta’ Ottubru, 2009 u tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment ma’ dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi kien ingunt ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm il-konvenut kien debitament notifikat baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici. Ra wkoll illi fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 2010 gie prezentat Kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut ghas-seduta tal-lum. Ra wkoll illi fis-seduta tal-lum, 30 ta' Marzu, 2010, meta l-konvenut gie msejjah ghas-subizzjoni, huwa fil-fatt deher quddiem dan it-Tribunal u ddikjara illi kien qed jikkonferma illi l-ammont mitlub f'dina l-kawza kien fil-fatt minnu dovut. Huwa talab illi dan jithallas lura permezz ta' pagamenti mensili.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq ammissjoni tal-istess konvenut jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' elf, mitejn u disgha u ghoxrin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1,229.54c). Bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kif mitluba a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------